MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 504/2007

**Dr. A B C**
**vs**
**D C, Direttur tar-Registru Pubbliku**
**u l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores**
**u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati**
**kuraturi deputati**
**biex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri E C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-partijiet Dr. A B u D C nghaqdu fiz-zwieg fis-26 ta’ Ottubru tas-sena 1992 izda ilhom de facto separati sa mis-sena 1996 u dan kif jirrizulta mir-rikors ghal separazzjoni li kien gie pprezentat mill-intimata Alrida C quddiem, dak iz-zmien, l-Onorabbli Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, l-atti relattivi ghal dawn il-proceduri li wasslu ghad-

digriet numru 141/97 (Dok. A), kif ukoll minn serje’ ta’ fatti sussegwenti (Dok B) li wasslu sabiex l-intimata D C bdiet proceduri ta’ separazzjoni bin-numru 596/03 (Dok. C) li ghadhom pendenti sallum;

2. Illi f’ dawn l-ahhar granet ir-rikorrent gie a konjizzjoni tal-fatt illi fit-2 ta’ Frar [recte: Mejju] 2006 twieldet tarbija minghand l-intimata D C li nghatat l-isem ta’ E C u dan kif jidher minn certifikat ta’ twelid hawn anness u mmarkat Dok. D;

3. Illi l-minuri bl-isem E mhux il-wild naturali tal-attur, ghalkemm tnizzel bhala tali fuq ic-certifikat ta’ twelid fuq imsemmi, u minflok huwa l-frott ta’ relazzjoni extra-konjugali illi l-konvenuta kellha ma’ terza persuna. Il-partijiet konjugi C, kif fuq spjegat, ilhom jghixu separatament sa mis-sena 1996, billi r-rikorrent jghix ghal rasu fil-fond appartament bl-isem Primrose u bin-numru 2, f’ Pope John Paul I Street, f’ B’ Kara, filwaqt illi l-intimata D C tghix ghal rasha fid-dar bl-isem “Tervic House”, Dr. Zammit Street Balzan;

4. Illi ghalhekk l-imsemmija tarbija giet registrata b’ kunjom ir-rikorrent meta m’ huwiex il-missier naturali tat-tarbija, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi r-rikorrent jixtieq jichad li jaghraf l-imsemmija tarbija, li effettivament mhux ibnu.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-imsemmija tarbija, E C, mhux il-wild naturali tar-rikorrent; u,

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija msemmija mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, il-kliem B C, l-eta’ l-post tat-twelid u residenza tar-rikorrent, kif ukoll isem u kunjom missier ir-rikorrent u jekk huwiex haj jew mejjet u tawtorizza u tordna kull modifika ohra u in vista

tal-ewwel talba, u jekk ikun opportun, f’ kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li flimkien ma’ l-intimati l-ohrajn huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta D C li biha kkonfermat li t-tarbija li twieldet fit-2 ta’ Mejju 2006 hija frott ta’ relazzjoni li hija kellha ma’ terza persuna;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepiet:

1. Illi preliminarjament stante li l-azzjoni giet intavolata wara t-trapass ta’ sitt xhur mit-twelid tal-minuri jehtieg li r-rikorrent jaderixxi ruhu mal-procedura stipulata fil-proviso tas-subparagrafu (c) ta’ l-Artikolu 73 tal-Kap 16 jew altrimenti jipprova li l-azzjoni qed tigi intavolata ai termini tal-paragrafu (c) ta’ l-istess artikolu tal-ligi.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju wkoll, jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, jehtieg li l-kliem “the said” jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji ta’ omm it-tarbija u jehtieg li l-kunjom tal-minuri jigi korrett.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati illi filwaqt li huma ma jafux bil-fatti li wasslu ghal din il-kawza, l-attur

jirnexxi fil-kawza tieghu jekk jipprova mqar wiehed mill-erba' kazijiet li tipprovdi l-ligi fl-art. 70 tal-Kap 16.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-qorti tiddikjara li t-tarbija E C, li twieldet fit-2 ta' Mejju 2006, mhuwiex il-wild naturali tieghu;  kif ukoll sabiex din il-Qorti tordna l-konsegwenzjali korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-minuri, bin-numru 1483/06.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-attur u l-konvenuta D, konjugi C, sseparaw de facto fis-sena 1996, u minn dak iz-zmien ma kellhomx relazzjonijiet intimi.

Illi l-attur jispjega li meta f' Ottubru 2007 huwa mar ir-Registru Pubbliku biex jottjeni certifikati tat-twelid tieghu u taz-zewg uliedu mill-konvenuta, huwa kien gie infurmat li kien hemm registrat fuq ismu wkoll, tifel iehor, E C li twieled f' Mejju 2006.  Jghid li huwa kien ha xokk b' din l-informazzjoni, tenut kont tal-fatt li huwa kien ilu snin ma jkollu relazzjonijiet intimi mal-konvenuta D Cisahahayo. Huwa jghid li dakinhar kien fehem ghaliex martu kienet ghamlet zmien twil matul il-proceduri tas-separazzjoni ma tipprezentax ruhha, u dan kien bi skop li tahbilu t-tqala taghha.

L-attur jghid li kif hu sar jaf b' dan it-tifel registrat fuq ismu, f' Ottubru 2007, huwa mar immedjatament ghand l-avukat tieghu li kien tah parir jibda l-proceduri odjerni kif fil-fatt ghamel bir-rikors odjern ipprezentat xahar wara, cioe' f' Dicembru 2007.

Illi l-konvenuta D C ma kkontestatx dawn il-fatti, u ammettiet li t-tifel huwa wild minn relazzjoni extra matrimonjali li hi kellha ma' terza persuna.

Illi r-rapport xjentifiku tat-testijiet tad-DNA li saru fuq kampjuni li ttiehdu minn fuq il-persuni ta’ l-attur u tat-tifel, jikkonfermaw din it-tezi, u cioe’ li l-attur mhuwiex il-wild naturali tat-tifel.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta car li l-azzjoni ta’ l-attur issib il-bazi legali taghha, fit-termini ta’ l-artikolu 73[c] u ta’ l-artikolu 70[a][b] u [d] tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; u l-fatti premessi, sodisfacentement provati, jirrendu t-talbiet ta’ l-attur gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u li ghalhekk it-talba attrici timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur; u tiddikjara li l-attur m’huwiex il-missier naturali tat-tifel E C li twieled mill-konvenuta D C fit-2 ta’ Mejju 2006, u tordna l-konsegwenzjali korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru 1483/06 fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta D C.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------